MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-7 ta' Novembru, 2008

Appell Civili Numru. 2482/2003/1

**Africom Malta Limited**

**vs**

**Elfi Limited**

**Il-Qorti,**

Fis-27 ta' April, 2007, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **"**It-Tribunal,
>
> Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-15 ta` Dicembru, 2003 fejn intalab li s-socjeta` konvenuta ghandha tigi kkundannata thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta` mitejn u tnejn u hamsin lira, hamsa u ghoxrin centezmu (Lm252.25) rapprezentanti kwantu ghal Lm200 bhala bilanc minn somma kbar li kienet dovuta u

kwantu ghal Lm52.25 bhala s-somma ekwivalenti li kienet giet zborsata ghal hlas ta` assikurazzjoni fuq merkanzija.

Bl-ispejjes inkluzi dawk ta` ittra ufficcjali datata 9 ta` Ottubru, 2003 u bl-imghax legali sal-hlas effettiv.

Ra r-risposta tas-socjeta` konvenuta prezentata fl-1 ta` Marzu, 2004 fejn it-talbiet attrici gew kontestati in kwantu 1. is-socjeta` konvenuta ma kienetx il-legittimu kontradittur; 2. li kienet infondata fil-fatt u fid-dritt; u 3. kwantu ghal hlas tal-assikurazzjoni m`ghandu jkun hemm ebda refuzjoni fuqha peress illi meta l-ordni giet kancellata l-merkanzija kienet gia` hawn Malta.

Ra l-provi prodotti nkluz id-dokumenti ezebiti.

Sema` it-trattazzjoni orali tal-abbli difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra.

Illi l-kaz kollu jikkoncerna talba ghal kumplament ta` refuzjoni ta` flus imhalsa mis-socjeta` attrici fuq merkanzija ordnata minghand is-socjeta` konvenuta u liema merkanzija baqghet m`ghaddietx ghandha anzi l-ordni kienet giet kancellata mis-socjeta` konvenuta stess meta din waslet Malta ghar-raguni li bhala International Trading Company hija projbita milli tbiegh prodotti ghal konsumatur malti.

Illi m`hemmx dubbju li jinsab ampjament ippruvat kemm mix-xhieda taz-zewg rapprezentanti rispettivi u kif ukoll mid-dokumenti ezebiti illi (1) Il-kwantum tal-flus imhalsa mis-socjeta` attrici lis-socjeta` konvenuta (2) n-negozju in kwistjoni kien strettament bejn iz-zewg socjetajiet partijiet f'dina l-kawza u hadd aktar (3) Li l-ordni kienet giet kancellata unilateralment u arbitrarjament mis-

socjeta` konvenuta (4) ls-socjeta` attrici kienet giet ikkreditata l-maggor parti tal-flus li hija harget ghal din il-merkanzija (5) l-ammont mitlub f'dina l-kawza huwa l-bilanc negattiv tal-flus bejn dawk refuzi u dawk originarjament zbursati mis-socjeta` attrici u (6) il-merkanzija baqghet ghand is-socjeta` konvenuta u jigi kwindi wiehed jassumi li din giet disponuta minnha.

Illi dwar il-bilanc negattiv ricevut mis-socjeta` attrici fuq il-valur tal-merkanzija, l-konvenut nomine jallega li din kienet dovuta minhabba differenza fir-rata tal-kambju, haga li certament ma kellux kontroll fuqha u fit-tieni lok dwar l-assikurazzjoni huwa jargumenta li din serviet biex tkopri l-merkanzija sal-wasla taghha hawn Malta u meta l-ordni giet kancellata l-effetti ordnati kienu gia` waslu hawn Malta kwindi ebda refuzjoni ma huwa dovut.

Illi r-raguni moghtija mis-socjeta` konvenuta il-ghala giet kostretta tikkancella l-ordni hija bbazata fuq fattur li kien imissha ikkunsidratu qabel mas-socjeta` attrici u cioe` fil-mument ta` l-ordni u meta inharget il-quotation mis-socjeta` attrici. La darba hija accettat l-ordni fuq quotation taghha stess, hija l-istess socjeta` konvenuta li kwindi ghandha tbati l-konsegwenzi ghan-nuqqas ta` attenzjoni taghha stess. Illi ghalhekk jekk l-attur nefaq lira huwa ghandu jiehu din lura xejn aktar u xejn anqas.

Dwar il-flus tal-assikurazzjoni huwa minnu li l-merkanzija lahqet waslet hawn Malta pero` din baqghet fil-pussess u a beneficcju tal-istess socjeta` konvenuta. Kwindi kienet l-istess socjeta` konvenuta biss li bbenefikat mill-fatt li t-transport tal-merkanzija lejn Malta kien jinsab kopert bl-assikurazzjoni mhalsa minn flus is-socjeta` attrici.

Illi kif gia` rimarkat hawn fuq ix-xhieda tar-rapprezentanti tal-partijiet u d-dokumenti ezebiti

> Ikoll jindikaw li n-negozju in kwistjoni kien ikkuntrattat bejn l-istess partijiet biss u hadd izjed.
>
> Ghal dawn il-mottivi it-Tribunal qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi jichad l-eccezzjonijiet sollevati mis-socjeta` konvenuta, jilqa` it-talbiet attrici u konsegwentement jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma mitluba ta` mitejn u tnejn u hamsin lira, hamsa u ghoxrin centezmu bl-imghax legali dekorribbli mid-data tal-prezentata ta` din il-procedura u bl-ispejjes kollha ta` din l-istanza a karigu ta` l-istess socjeta` konvenuta.**"**

Bl-appell taghha s-socjeta` konvenuta qed titlob ir-revoka tas-sentenza appena riprodotta b'dawn l-aggravji:-

(1) It-Tribunal ma ddecediex l-eccezzjoni taghha li ma kienetx il-legittimu kontradittur. Tissottometti f'dan l-istess kuntest illi ghalkemm huwa veru li t-Tribunal cahad fid-decide tieghu l-eccezzjonijiet kollha taghha, b'danakollu, naqas milli jipprovdi raguni fil-parti konsiderativa tas-sentenza l-ghala kien qed jichad din l-eccezzjoni;

(2) It-Tribunal ghamel apprezzament errat tal-provi. Dan fis-sens illi, kif sottomess mis-socjeta` appellanti, ma kienx minnu illi hi hassret l-ordni in kwistjoni;

(3) Ma kellhiex tkun responsabbli ghad-diskrepanza ta' mitejn lira meta saret ir-rifuzjoni tas-somma. Is-socjeta` appellanti dan tispjegah fis-sens illi kienet is-socjeta` attrici li hallset f'dollari Amerikani u allura r-riskju kien fuqha u meta dan sar hekk irrizulta t-telf ta' din is-somma minhabba r-rata tal-kambju in vigore dak iz-zmien;

Fermi dawn l-aggravji, din il-Qorti ma tistax ma tinnotax illi la t-talba tas-socjeta` attrici hi inferjuri ghas-somma ta' hames mitt lira, is-socjeta` konvenuta appellanti kellha tartikola l-appell taghha fil-parametri ta' l-Artikolu 8 (2) ta'

l-Att V ta' l-1995 (Kapitolu 380). Gjaladarba l-incizi (a) (b) u (c) tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu msemmi ma jiccentraw bl-ebda mod, kien mistenni li s-socjeta` appellanti tartikola il-gravami taghha linejarment mad-dispost ta' l-inciz (d) ta' l-Artikolu 8 (2). Dan billi turi illi t-Tribunal "b'mod gravi mar kontra d-dettami ta' l-imparzjalita u ta' l-ekwita skond il-ligi u dik l-azzjoni tkun ippregudikat il-jeddijiet ta' min jappella". Minn dan kollu fl-appell prezenti ma nsibu xejn. Lanqas il-minimu accenn ghal xi ksur tad-dritt ekwitattiv jew dak ta' l-imparzjalita`. Strettament, allura, din il-Qorti mhux tenuta tokkupa ruhha mill-aggravji sottoposti, hlief forsi biex tezamina jekk kienx hemm verament nuqqas ta' osservanza ta' xi precett ritwali u dik tat-tutela gurisdizzjonali tad-drittijiet;

B'riferiment ghall-kaz konkret, jibda biex jgi osservat in linea ta' principju generali illi kull ftehim jikkonsisti f'kombinazzjoni ta' manifestazzjoni ta' volonta mill-kontraenti. Naturalment, ghall-verifika jekk tali jkunx gie realizzat wiehed ghandu dejjem jiehu rigward tas-sinjifikat oggettiv tad-dikjarazzjonijiet espressi mill-partijiet. F'dan il-kaz ma jidherx li hu disputat illi bejn il-kontendenti kien hemm rapport negozjali in meritu ghall-importazzjoni u bejgh ta' merkanzija mis-socjeta` konvenuta lis-socjeta` attrici. Dan hu, del resto, hekk rikonoxxut mir-rapprezentat stess tas-socjeta` konvenuta. Ara Affidavit ta' Angelo Giambra a fol. 34 u x-xhieda tieghu in kontro-ezami a fol. 57 u fol. 61. Dan ir-rapport negozjali gie tradott f'rapport guridiku meta l-partijiet finalment qablu fuq l-oggett u l-prezz tieghu u sar l-iskambju tal-proposta u ta' l-accettazzjoni taghha. F'dan il-mument inholoq il-vinkolu kontrattwali dwar liema l-partijiet kienu impenjati li josservaw;

Kuntrarjament ghal dak ritenut mill-appellanti ma jirrizultax lil din il-Qorti illi t-Tribunal ma hax konjizzjoni ta' dik il-manifestazzjoni tal-volonta` reciproka li biha l-kontendenti ghaqqdu l-ftehim ta' bejniethom. Dan ukoll fil-parti konsiderativa tas-sentenza fejn minnha jirrizulta kjarament illi t-tribunal iddetermina, fuq il-gudizzju diskrezzjonali

tieghu, illi "n-negozju in kwestjoni kien strettament bejn iz-zewg socjetajiet partijiet f'din il-kawza u hadd aktar". Ghal din il-Qorti, dato ukoll l-attribuzzjonijiet funzjonali specjali tat-Tribinul kif regolati mill-Att, senjatament l-Artikolu 9 (2) tieghu, din l-osservazzjoni tat-Tribunal b'dawk il-kliem ghandha tibbasta biex tidentifika l-motivazzjoni tieghu fir-rigward ta' l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-kumpanija konvenuta. Ikollu jinghad illi hu proprju minn din l-istess motivazzjoni illi l-kliem generiku tal-parti disposittiva tas-sentenza ghandu jkollu d-definizzjoni u l-ispjegazzjoni tieghu ghax, kif jinsab enuncjat, ukoll "*quando la parte dispositiva di una sentenza fosse concepita in termini generici, il suo significato puo essere ristretto (*jew, xort'ohra, amplifikat*) dalle considerazioni che la motivarono*" ("**Filippo Farrugia Gay *et* -vs- Sac. Angelo Farrugia**", Appell Civili, 12 ta' Novembru, 1919). In bazi ghal dawn il-konsiderazzjonijiet l-ewwel gravam qed jitqies insostenibbli;

Maggorment hu, imbaghad, infondat fis-sustanza it-tieni gravam, u dan apparti l-konsiderazzjoni illi l-apprezzament tal-fatti mit-Tribunal huwa, skond l-ispirtu ta' l-Att li kkrejah, insindakabbli minn din il-Qorti. Hu, difatti, accettat mill-istess rapprezentant tas-socjeta` appellanti illi kienet din is-socjeta` li kkancellat il-ftehim (ara deposizzjoni tieghu a fol. 62), ankorke dan ghamlitu ghar-ragunijiet illi hi ssuspettat illi l-kumpanija attrici kienet intenzjonata tispaccja l-merce f'Malta. Kif maghruf, il-kuntratti ghandhom sahha ta' ligi [Artikolu 992 (1), Kodici Civili] u ghalhekk, per principju, ma jistghux jigu rizoluti jekk mhux bil-kunsens ta' xulxin [Artikolu 992 (2), Kodici Civili];

Lanqas jista' jigi accettat l-argument illi nholoq xi kuntratt gdid ma' terzi b'sostituzzjoni ta' dak l-iehor milhuq bejn il-partijiet ghal fatt illi s-socjeta` hallset il-bilanc tas-somma akkordata lil dan it-terz (Seagold Europe). Jekk sar hekk dan sar fuq istruzzjonijiet tal-kumpanija appellanti u mhux minn xi intervent unilaterali tas-socjeta` attrici. Dan, apparti, ir-riflessjoni li titnissel mid-dikjarazzjoni mistqarra tar-rapprezentant tas-socjeta` appellanti fejn in kontro-

ezami jghid "*I am also in agreement that plaintiff company had paid Elfi Limited the sum of around eight thousand three hundred eighty eight US* dollars" (fol. 62). Taht dan il-profil anke dan l-aggravju hu destinat li jfalli;

Fil-kaz tat-tielet u l-ahhar motiv ta' aggravju hu opportun li qabel xejn tigi riprodotta din is-silta estratta mill-Affidavit ta' Angelo Giambra:

"*The total amount paid by Mr. Gismella for the goods, which he ordered and later cancelled, was refunded at exactly the same rate of exchange received at the time of payment by Mr. Gismella"* (fol. 38);

Issa apparti l-konsiderazzjoni illi kif demonstrat mid-dokumenti esebiti l-kontrattazzjoni kienet appattwita f'dollari Amerikani (ara, ad ezempju, fattura datata 2 ta' April 2003 intestata lis-socjeta appellanti, fol. 39), il-fatt li s-socjeta` attrici effettivament hallset b'din il-munita ma kellux mis-socjeta` appellanti jigi rinfaccjat lilha, una volta dan kien jikkorrispondi interament ghall-ftehim konkordat. Certament, imbaghad, ma kellux ikun mistenni illi ghar-rifuzjoni tas-somma mhallsa ghall-merce li baqghet ma gietx ikkonsenjata tigi applikata mis-socjeta` appellanti, skond kliem ir-rapprezentant taghha, l-istess rata ta' kambju taz-zmien meta s-socjeta` attrici hallset originarjament dik is-somma. F'dan il-kuntest hu opportun li jigi mfakkar illi "l-gurispurdenza taghna dejjem zammet li meta d-dejn huwa ta' flus li ma ghandux kors legali f'pajjizna dak id-dejn ghandu jithallas fi flus u bil-kambju tal-gurnata li fiha jsir il-hlas" ("**Giovanni Grima -vs- Abele Serra**", Appell Civili, 4 ta' Frar, 1938). Dan ghaliex, kif ulterjorment ritenut, "*il cambio a cui si deve avere riguardo è quello prevalente al tempo in cui il convenuto manco` alla sua obbligazione*" ("**Rosario Taliana -vs- Capitano Nicola Revello**", Qorti tal-Kummerc, 11 ta' Gunju, 1928). Anke allura ghal dawn l-istess ragunijiet tas-sentenzi citati dan l-ahhar gravam tas-socjeta` appellanti qed jitqies destitwit minn fondament.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata, ikkonfermata, bl-ispejjez ta’ din l-istanza kontra s-socjeta` konvenuta appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------